31998D0270

21.4.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 117/15

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' April, 1998

dwar l-iritirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li għandhom *fenvalerate* bħala sustanza attiva

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(98/270/KE)

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru, 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol li għalih jirreferi l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti [1], kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 1199/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(5) ta' dan,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/94 [3], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2230/95 [4], stabbilixxa s-sustanzi attivi ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti u għażel l-Istati Membri li se jirrapportaw l-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92;

Billi l-*fenvalerate* kien wieħed mid-90 sustanza attiva koperti mill-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol li għalih hemm disposizzjoni fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE [5];

Billi għal din is-sustanza n-notifikaturi konċernati formalment issottomettew lill-Istati Membri magħżula biex jirrappurtaw ċerta informazzjoni kif mitluba skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92 biex isostni l-inklużjoni ta' din is-sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE;

Billi fi qbil ma' l-Artikolu 6(4) tar-Regolament KEE Nru 3600/92 l-Istati Membri maħtura biex jirrappurataw infurmaw lill-Kummissjoni li ebda wieħed mir-rapporti sottomessi ma ssodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 6(2) u (3) tar-Regolament;

Billi, fi qbil ma' l-Artikolu 6(5) tar-Regolament, ebda Stat Membru ma informa l-Kummissjoni dwar ix-xewqa tiegħu biex tkun assigurata l-inklużjoni ta' din is-sustanza attiva fl-Anness għad-Direttiva 91/414/KEE;

Billi għandu jkun ikkunsidrat li pakkett komplut ta' informazzjoni meħtieġ għall-evalwazzjoni ta' din is-sustanza ma jkunx sottomess fl-ambitu tal-programm ta' xogħol; billi evalwazzjoni u inklużjoni fl-Anness I ta' din is-sustanza mhux possibbli f'dan l-ambitu; billi konsegwentement għandha tittieħed deċiżjoni b'effett li jkunu irtirati awtorizzazzjonijiet kurrenti għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li jkollhom din is-sustanza attiva;

Billi din id-Deċiżjoni ma teskludix il-possibilita li *fenvaletate* jista' fil-futur ikun evalwat fl-ambitu tad-disposizzjonijiet għal sustanzi attivi ġodda li għalihom hemm disposizzjoni fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/414/KEE;

Billi din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax il-miżuri ta' Stati Membri biex jiggarantixxu perjodu ta' grazzja għad-disponiment, ħażna, tqegħid fis-suq u użu ta' ħażniet eżistenti fi qbil mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 914/414/KEE;

Billi l-miżuri li għalihom hemm disposizzjoni f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jiżguraw:

1. li l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li jkollhom il-*fenvalerate* jkunu irtirati f'perjodu ta' 12-il xahar mid-data tad-Deċizjoni preżenti;
2. li mid-data tad-Deċiżjoni preżenti ma tingħata ebda awtorizzazzjoni għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li jkollhom l-*fenvalerate* jew ikunu mġedda taħt id-deroga li għaliha hemm disposizzjoni fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi għall-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 7 ta' April, 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 366, tal-15.12.1992, p. 10.
[2] ĠU L 170, tat-28.6.1997, p. 19.
[3] ĠU L 107, tat-28.4.1994, p. 8.
[4] ĠU L 225, tat-22.9.1995, p. 1.
[5] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.